# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa**
**Disgħa u Għoxrin (29) ta' Novembru 2024**

**Rikors Numru 865/2019FDP**

Fl-ismijiet

**Vivien Galea Pace (K.I: 697545M**

**Vs**

**Yani Ellul (K.I: 125383M)**
**u**
**Kurt Galea Pace (K.I: 243667M) għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 9 ta' Settembru 2019 li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet is-segwenti:

   1. *Illi permezz ta' kuntratt ta' kostituzzioni ta' debitu fl-Atti tan-Nutar Dottor Henri Darmanin tal-24 ta' Frar 2015, hawn anness u mmarkat bħala Dok. "A",l-esponenti f'isimha proprju u f'isem żewġha Victor Galea Pace (illum mejjet) ipprestaw rwieħhom garanti għal binhom il-konvenut Kurt Galea Pace bħala debitur tal-intimat l-ieħor Yani Ellul;*

   2. *Illi permezz tal-kuntratt suriferit, id-Debitur Prinċipali Kurt Galea Pace ikkostitwixxa ruħu bħala debitur tal-intimat Yani Ellul fl-ammont ta' tnejn u tletin elf euro (€ 32,000), liema somma tirrapreżenta bilanċ ta' prezz ta' xogħolijiet, kif aħjar spjegat fl-istess kuntratt, liema kostituzzjoni kienet soġġetta għall-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess kuntratt, filwaqt li s-somma kellha titħallas ratealment kif pattwit;*

   3. *Illi in garanzija ta' ħlas, l-esponenti f'isimha proprju u f'isem żewġha, ikkostitwixxew rwieħhom garanti solidali ta' binhom, filwaqt li kkostitwixxew ipoteka speċjali fuq il-proprjeta' tagħhom u ċioe l-għalqa*

*li tinsab barra ż-żona ta' żvilupp magħrufa bħala "Ix-Xagħra ta' Ġamru" sive "Ta' Kuljat" fil-limiti taż-Żebbuġ ġewwa Għawdex, b'kejl superfiċjali ta' dsatax-il elf punt wieħed metru kwadru (19,000.10 m.k.), konfinanti mill-punent ma' beni tal-Gvern ta' Malta, mill-lvant u tramuntana mas-sies, libera u franka kif imqabbla għall-kaċċa u għall-insib;*

4. *Illi tali ipoteka ġiet debitament iskritta fir-Reġistru Pubbliku permezz tan-nota ta' iskrizzjonijiet ipotekarja numru H.6707/2015;*

5. *Illi tali għalqa kienet ġiet akkwistata permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-Atti tan-Nutar Michael Refalo datat 9 ta' Mejju 1988, hawn anness u mmarkat bħala Dok. "B" minn Keeton and Company Limited a favur Victor Galea Pace. Għal kull buon fini jiġi dikjarat li l-għalqa mertu ta' dan il-kuntratt tinsab indikata aħjar fuq pjanta annessa ma' att magħmul fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin tal-14 ta' Marzu 1987, hawn anness u mmarkat bħala Dok. "C";*

6. *Illi Victor Galea Pace miet nhar is-6 ta' Marzu 2015, kif jidher miċ-ċertifikat anness u mmarkat bħala Dok. "D" u ċioe ftit jiem wara li sar il-kuntratt suriferit dwar kostituzzjoni ta' debitu a favur l-intimat Yani Ellul. Skont l-aħħar testment tad-decujus li sar fl-Atti tan-Nutar Dottor Henri Darmanin tat-2 ta' Frar 2015, hawn anness u mmarkat bħala Dok. "E", l-esponenti ssuċċediet bħala eredi universali;*

7. *Illi l-attriċi tippremetti li tali kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u l-għoti ta' ipoteka speċjali fl-Atti tan-Nutar Dottor Henri Darmanin tal-24 ta' Frar 2015 illum huwa bla effett in kwantu avveraw rwieħhom il-kondizzjonijiet riżoluttivi li a bażi tagħhom kien sar u dan kif se jiġi spjegat:*

8. *Illi l-intimat Yani Ellul kien ippreżenta kwerela lill-Pulizija li ħadet passi kontra l-konvenut Kurt Galea Pace. L-istess Kurt Galea Pace kien ġie akkużat talli f'Settembru 2013 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna/i oħra, s-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija w disgħa w għoxrin euro w sebgħa w tletin ċenteżmu (€ 2,329.37) għad-dannu ta' Yani Ellul, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat; liema delitt ġie magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju;*

9. *Illi tali akkuża hija bbażata fuq l-Art. 293 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, f'liema artiklu jinkludi proviso li jipprovdi li ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti;*

10. *Illi għaldaqstant, tali proċeduri legali ma setgħux jibdew mingħajr il-kwerela tal-intimat. Apparti minn hekk, minkejja li permezz tal-kuntratt*

*mertu ta' din il-kawża il-konvenut Ellul obbliga ruħu li ser jirrinunzja għal tali proċeduri, mhux talli ma għamilx dan, talli nhar is-26 ta' Frar 2015 – senjatament jumejn wara l-iffirmar tal-kuntratt mertu tal-kawża - l-istess Yani Ellul, xehed f'din il-kawża kontra Kurt Galea Pace, u dan kif jidher mit-traskrizzjoni hawn annessa u mmarkata bħala Dok. "F";*

11. *Illi għalkemm l-istess traskrizzjoni turi li l-intimat Yani Ellul informa lill-Qorti bil-kuntratt mertu tal-kawża, xorta waħda huwa fl-ebda punt ma rtira l-kwerela li ppreżenta kontra iben l-esponenti;*

12. *Illi fil-fatt il-klawzoli riżoluttivi fil-kuntratt mertu tal-kawża li jwasslu sabiex l-istess kuntratt jiġi rexiss u ddikjarat null u senjatament klawżoli numru (2) u (3) ta' dan il-kuntratt, li jipprovdu kif ġej:*

    *(2) The Creditor as duly represented, binds himself to renounce to any criminal action and/or procedures taken to date against the Principal Debtor and/or Sureties in relation to the herein described Debt.*

    *(3) It is presently being declared by the Principal Debtor that this deed of constitution of debt shall not be valid if the Creditor does not renounce any and all legal action till now instituted as per clause number two (2).*

13. *Illi in forza ta' ittra uffiċjali numru 2050/2017 datata 2 ta' Ġunju 2017, hawn annessa u mmarkata bħala Dok. "G", mibgħuta ai termini tal-Art. 256(2) tal- Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-intimat Yani Ellul interpella lill-esponenti, lill-konvenut l-ieħor Kurt Galea Pace u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita' tad-defunt Victor Galea Pace, sabiex fi żmien jumejn min-notifika tal-ittra suriferita jħallsu s-somma kumplessiva ta' €22,000 skontu bilanċ minn somma akbar li ġiet dikjarata li tikkostitwixxi dejn pagabbli minnhom lill-intimat Yani Ellul u dan ai termini tal-kuntratt tal-24 ta' Frar 2015;*

14. *Illi effettivament, permezz ta' rikors bin-numru 36/2018, hawn anness u mmarkat bħala Dok. "H" fl-ismijiet "Yani Ellul vs Kurt Galea Pace et" il-konvenut Yani Ellul talab il-ħruġ ta' mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ immobbli fuq l-għalqa deskritta f'paragrafu tnejn tar-rikors odjern;*

15. *Illi in vista ta' dan ir-rikors, din l-Onorabbli Qorti ordnat li jsir il-bejgħ in subbasta tal-immobbli fuq deskritti nhar is-17 ta' Settembru 2019 fl-10.30am u dan skont digriet hawn anness u mmarkat bħala Dok. "I";*

16. *Illi l-esponenti tissottometti wkoll li l-kuntratt tal-24 ta' Frar 2015 m'għandux il-kwalitajiet rikjesti mill-Art. 253 tal-Kap. 12 sabiex ikun jikkostitwixxi titlu eżekuttiv in kwantu ma jitrattax sempliċi dejn ċert, likwidu u li għalaq, iżda jikkonsisti f'eżekuzzjoni ta' fatt in vista tal-klawsola hemm kontenuti rigwardanti mhux biss il-kawża kriminali iżda wkoll il-manjiera ta' kif kellu jsir il-ħlas u l-fatt li l-kuntratt ma jipprovdix għal dekadenza ċara u tonda mill-benefiċċju tat-terminu hemm pattwit;*

17. *Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat qiegħed jiġi ppreżentat rikors mill-esponenti sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna t-twaqqif tal-irkant bin-numru 36/18 ai termini tal-Art. 326 tal-Kap. 12, u dan sakemm ma tiġi deċiża b'mod finali l-kawża odjerna;*

*Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-Atti tan-Nutar Dottor Henri Darmanin tal-24 ta' Frar 2015, fejn l-attriċi f'isimha proprju u f'isem żewġha ikkostitwixxiet ipoteka speċjali a favur tal-intimat Yani Ellul fl-ammont ta' tnejn u tletin elf euro (€ 32,000) fuq l-għalqa li tinsab barra ż-żona ta' żvilupp magħrufa bħala "Ix-Xagħra ta' Ġamru" sive "Ta' Kuljat" fil-limiti taż-Żebbuġ ġewwa Għawdex, b'kejl superfiċjali ta' dsatax-il elf punt wieħed metru kwadru (19,000.10 m.k), konfinanti mill-punent ma' beni tal-Gvern ta' Malta, mill-Lvant u tramuntana mas-sies, libera u franka kif imqabbla għall-kaċċa u għall-insib, ġie reż bla effett stante li avveraw rwieħhom il-kundizzjonijiet riżoluttivi hemm pattwiti u/jew il-ksur da parti tal-istess konvenut Ellul tal-obbligazzjonijiet minnu assunti;*

2. *Tiddikjara li l-garanzija prestata mill-istanti fuq il-kuntratt ċitat fl-ewwel talba hija bla effett;*

3. *Tordna t-tħassir tal-iskrizzjoni ipotekarja iskritta fir-Reġistru Pubbliku permezz tan-nota ta' iskrizzjonijiet ipotekarja numru H.6707/2015;*

4. *Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-Att relattiv ta' kanċellament relattiv u tagħti data, ħin u lok għal dan il-għan;*

5. *Tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess Att;*

6. *Tiddikjara li l-ittra uffiċjali numru 2050/2017 preżentata fit-2 ta' Ġunju 2017,mibgħuta ai termini tal-Art. 256(2) tal-Kap. 12 mill-konvenut Yani Ellul hija nulla u bla effett;*

7. *Konsegwentement tiddikjara li l-bejgħ bl-irkant bin-numru 36/18 ai termini tal-Art. 326 tal-Kap. 12 huwa null u tordna li jitwaqqaf;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati, jew min minnhom, li minn issa huma inġunti in subizzjoni.*

2. Rat illi fit-18 ta' Ottubru 2019, il-konvenut Yani Ellul laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

    1. *Illi preliminarjament l-attriċi trid tipprova li għandha l-interess ġuridiku u l-locus standi neċessarju u li hija l-eredi unika ta' Victor Galea Pace stante li l-kopja tat-testament annessa mar-rikors ġuramentat de quo b'*

*ebda mod ma juri u jikkonferma li dak l-istess testament huwa attwalment l-aħħar testament tal-mejjet Victor Galea Pace;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, filwaqt l-eċċipjenti jikkonferma l-fatti indikati f paragrafi 1, 2, 3, 4, 5, 8, 13, 14, 15 u 17, jirrespinġi bil-qawwa l-pretensjonijiet u t-talbiet kollha tal-attriċi stante li huma totalment infondanti kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt;*

3. *Illi fl-ewwel lok, kuntrarjament għal dak li tisħaq l-attriċi, l-eċċipjent onora l-obbligi kollha tiegħu u dan sa fejn kien legalment possibli li jsir;*

4. *Illi l-akkużi fil-konfront ta' Kurt Galea Pace kienu primarjament ibbażati fuq l-Artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali, ossia l-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema proċeduri huma istitwiti ex officio, u minħabba dan l-eċċipjent tramite l-avukati tiegħu ma tħalliex jirtira l-kawża konċernata mill-Maġistrat sedenti;*

5. *Illi nonostante dan, l-eċċipjent ikkopera u għamel dak kollu li legalment seta' jagħmel biex jonora l-obbligi tiegħu u dan billi informa lill-Maġistrat sedenti bil-ftehim relattiv u bil-pagamenti li saru sa dak iż-żmien, liema dan wassal biex il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza mogħtija fit-13 ta' Ottubru, 2016 iddikjarat li mhux se tieħu aktar konsiderazzjoni tal-każ stante li l-partijiet laħqu ftehim u lliberat lil Kurt Galea Pace mill-akkużi;*

6. *Illi wara din is-sentenza konvenjentement Kurt Galea Pace waqaf milli jkompli jagħmel il-pagamenti relattivi lill-eċċipjent a termini tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta debitu ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Darmanin fl-24 ta' Frar, 2015, liema dan wassal biex l-eċċipjent kellu jippreżenta fir-Reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti l-ittra uffiċjali li ġġib in-numru ta' referenza 2050/2017 li saret a tenur tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 u sussegwentment ir-rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Qbid fuq ħwejjeġ immobbli u l-proċeduri tal-bejgh b'subbasta ta' l-għalqa magħrufa bħala "Ix-Xagħra ta' Ġamru" fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex hekk kif aħjar deskritta fil-kuntratt tal-kostituzzjoni ta' debitu hawn imsemmi;*

7. *Illi di piu', kuntrarjament għal dak li tisħaq l-attriċi, il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu hawn imsemmi jissodisfa r-rekwiżiti hekk kif stipulati taħt l-artikolu 253 tal-Kap. 12 u l-ammont mitlub minnu huwa dejn ċert, likwidu u dovut lilu u dan kif ser jiġi aħjar spjegat, ippruvat u muri tul il-proċediment ta' din il-kawża;*

8. *Illi huwa fl-umli fehma tal-eċċipjent li l-kuntratt in kwisjtoni u l-ipoteki u l-atti ġudizzjarji kollha intavolati a bażi ta' dan l-istess kuntratt huma ilkoll kollha validi u magħmulin skont il-liġi u għalhekk it-talbiet attriċi ma jimmeritawx li jiġu milqugħa, speċjalment meta huwa pależi li dawn il-proċeduri ġew intavolati mill-attriċi sabiex twassal għall-dilungar inutili tal-proċeduri intavolati mill-eċċipjent sabiex fl-aħħar jitħallas dak dovut lilu;*

*9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri oħra li jistgħu jingħataw fil-prosegwiment tal-każ;*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.*

3. Rat illi fis-16 ta' Diċembru 2019, il-konvenut Kurt Galea Pace ippreżenta nota fejn ammetta t-talbiet tar-rikorrenti u dana in kwantu jikkonċernaw lilu.

4. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-attriċi mar-rikors ġuramentat tagħha.

**Provi**

5. Rat in-nota tal-attriċi ppreżentata fit-12 ta' Marzu 2020 kontenenti l-affidavit tagħha u rat id-dokumentazzjoni anness miegħu (fol 85-99).

6. Semgħet ix-xhieda tan-**Nutar Henri Darmanin** mogħtija fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2020 (fol 107-111).

7. Rat illi fis-seduta tat-29 ta' Settembru 2020 ġiet ppreżentata mir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali il-proċess Il-Pulizja vs Kurt Galea Pace, liema proċess jinsab allegat mal-atti tal-kawża odjerna.

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr Victor Scerri** mogħtija fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2020 (fol 123-129).

9. Semgħet ix-xhieda tal-konvenut **Kurt Galea Pace** mogħtija fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2020 (fol 130-136).

10. Rat in-nota tal-attriċi ppreżentata fl-20 ta' Diċembru 2021 li permezz tagħha ddikjarat illi ma fadallhiex provi xi tressaq (fol 143).

11. Rat in-nota tal-konvenut Yani Ellul ippreżentata fis-7 ta' Lulju 2022 kontenenti l-affidavit tal-istess konvenut kif ukoll l-affidavit ta' Dr Maria Lisa Buttigieg (fol 149-152).

12. Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2020 il-konvenut Yani Ellul iddikjara li m'għandux aktar provi x'jippreżenta.

13. Semgħet ix-xhieda tal-**attriċi** mogħtija fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023 (fol 155-164 et seq).

14. Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023 il-konvenut Yani Ellul iddikjara li ma fadallux aktar provi x'jagħmel.

15. Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023 ġie ppreżentat dokument mill-konvenut Yani Ellul (fol 165-167).

16. Semgħet ix-xhieda tal-konvenut **Yani Ellul** mogħtija fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2024 (fol 176A-176H).

17. Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2024 il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali u ġiet differita għas-sentenza.

18. Rat illi l-attriċi ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha fis-6 ta' Awwissu 2024 (fol 177-195).

19. Rat in-nota ppreżentata mill-konvenut Kurt Galea Pace fid-9 ta' Settembru 2024 (fol 196).

20. Rat illi l-konvenut Yani Ellul ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fit-22 ta' Ottubru 2024 (fol 202-219).

21. Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Ottubru il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

22. Jirriżulta illi fl-24 ta' Frar tas-sena 2015 sar kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin, li permezz tiegħu l-attriċi flimkien ma' żewġha Victor Galea Pace, illum mejjet, kienu pprestaw ruħhom garanti għal binhom il-konvenut Kurt Galea Pace bħala debitur tal-intimat Yani Ellul.

23. Jirriżulta illi dan il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu kien soġġett għall-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess att, kif ukoll ġie maqbul illi s-somma dovuta mill-konvenut kellha titħallas ratealment u ċioe' fl-ammot ta' elf Ewro (€ 1000) kull xahar.

24. Jirriżulta illi permezz tal-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, l-konvenut Kurt Galea Pace kkostitwixxa ruħu bħala d-debitur prinċipali tal-intimat Yani Ellul u dan fl-ammont ta' tnejn u tletin elf Ewro (€ 32,000), liema somma tirrapreżenta bilanċ ta' prezz ta' xogħolijiet li kellhom jiġu prestati minnu fil-proprjeta' tal-intimat Ellul iżda li l-imsemmi konvenut Kurt Galea Pace qatt ma għamel.

25. Jirriżulta illi l-attriċi flimkien ma' żewġha, *qua* garanti ta' binhom, kienu offrew in garanzija ta' ħlas, ipoteka speċjali fuq il-proprjeta' tagħhom, ossia l-għalqa li tinsab barra ż-żona ta' żvilupp magħrufa bħala "Ix-Xagħra ta' Ġamru" sive "Ta' Kuljat" fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, ta' kejl superfiċjali ta' dsatax-il elf punt wieħed metru kwadru (19,000.10 m.k.), konfinanti mill-punent ma' beni tal-Gvern ta' Malta, mil-lvant u tramuntana mas-sies, libera u franka kif imqabbla għall-kaċċa u għall-insib.

26. Jirriżulta illi din l-għalqa kienet ġiet akkwistata mill-attriċi u minn żewġha Victor Galea Pace mingħand is-soċjeta' Keeton and Company Limited u dan permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 9 ta' Marzu 1988.

27. Jirriżulta illi l-ipoteka speċjali ġiet debitament iskritta fir-Reġistru Pubbliku permezz ta' nota ta' inskrizzjoni b'referenza H 6707/2015.

28. Jirriżulta illi r-raġel tal-attriċi Victor Galea Pace miet ftit tal-jiem wara l-iffirmar tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, ossia fis-6 ta' Marzu tas-sena 2015.

29. Jirriżulta illi skont l-istess attriċi l-aħħar testment ta' Victor Galea Pace kien dak datat 2 ta' Frar 2015 fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin, fejn permezz tiegħu, l-attriċi kienet ġiet nominata bħala eredi universali ta' żewġha.

30. Jirriżulta illi f'Settembru 2013 l-intimat Yani Ellul kien ippreżenta kwerela lill-Pulizija li ħadet passi kontra l-konvenut Kurt Galea Pace u akkużatu illi f'Settembru 2013 u fix-

xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna/i oħra s-somma ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€ 2329.37) għad-dannu ta' Yani Ellul, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu ta' radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat; liema delitt ġie magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu jew minħabba depożitu neċessarju.

31. Jirriżulta illi permezz tal-kawża odjerna l-attriċi qiegħda ssostni illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u l-iskrizzjoni tal-ipoteka speċjali, huma bla effett stante illi kienu avveraw ruħhom il-kundizzjonijiet riżoluttivi imsemmija fl-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu.

32. Jirriżulta illi l-kundizzjonijiet riżoluttivi li fuqhom l-attriċi qiegħda tibbaża l-azzjoni odjerna huma dawk li jinsab fil-klawżola numru tnejn u tlieta (2 u 3) tal-istess kuntratt illi jipprovdu kif ġej:

> *"(2) The Creditor as duly represented, binds himself to renounce to any criminal action and/or procedures taken to date against the Principal Debtor and/or Sureties in relation to the herein described Debt.*
>
> *(3) It is presently being declared by the Principal Debtor that this deed of consitution of debt shall not be valid if the Creditor does not renounce any and all legal action till now instituted as per clause number two (2)."*

33. Jirriżulta illi skont l-istess attriċi, l-intimat Yani Ellul kien deher jumejn wara l-iffirmar tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, ossia fis-26 ta' Frar 2015 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, li quddiemha kienet qed tinstema' l-kawża kriminali fil-konfront tal-intimat Kurt Galea Pace, fejn f'din is-seduta huwa xehed kontra l-konvenut Kurt Galea Pace, mingħajr ma rrinunzja għal tali proċeduri.

34. Jirriżulta illi skont l-istess attriċi f'din ix-xhieda huwa kien informa lill-Qorti bil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu iżda fl-ebda punt ma rtira l-kwerela li ppreżenta kontra l-intimat Kurt Galea Pace.

35. Jirriżulta illi l-konvenut Kurt Galea Pace wara l-iffirmar tal-kostituzzjoni ta' debitu u waqt illi kienet għaddejja l-kawża kriminali kien baqa' jħallas is-somma dovuta lill-intimat Yani Ellul iżda dawn il-pagamenti waqqfu hekk kif ġiet fi tmiemha l-kawża kriminali.

36. Jirriżulta illi sussegwentament l-intimat Yani Ellul intavola ittra uffiċjali bin-numru 2050/2017 datata 2 ta' Ġunju 2017 fil-konfront tal-intimat Kurt Galea Pace, tal-attriċi u ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita' tad-defunt Victor Galea Pace u dan ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi fiha huwa interpellahom sabiex fi żmien jumejn min-notifika tal-ittra jħallsu s-somma kumplessiva ta' tnejn u għoxrin elf Ewro (€ 22,000) ossia l-bilanċ li l-intimat Kurt Galea Pace kien fadallu jħallas lill-intimat Yani Ellul.

37. Jirriżulta illi l-istess Yani Ellul intavola rikors bin-numru 36/2018 fejn talab il-ħruġ ta' mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ immobbli fuq l-għalqa mogħtija bħala garanzija mill-attriċi.

38. Jirriżulta illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat illi sseħħ il-bejgħ b'subbasta ta' din il-proprjeta' nhar is-17 ta' Settembru 2019 fl-10.30am.

39. Jirriżulta illi fil-proċedura tas-subbasta ġie ppreżentat rikors da parti tal-attriċi fejn talbet it-twaqqif tas-subbasta ai termini tal-Artikolu 326 tal-Kap 12 u dan sakemm tiġi deċiża b'mod finali din il-kawża.

40. Jirriżulta illi skont l-istess attriċi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu magħmul fl-24 ta' Frar 2015 m'għandux il-kwalitajiet rikjesti mill-Artikolu 253 tal-Kap 12 sabiex ikun jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

**Ikkunsidrat**

**L-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Yani Ellul illi l-attriċi trid tipprova l-interess ġuridiku u l-locus standi neċessarju u li hija l-eredi unika ta' Victor Galea Pace**

41. Illi l-ewwel eċċezzjoni eċċepita mill-intimat Yani Ellul fir-risposta ġuramentata tiegħu hija dik relattiva għall-interess ġuridiku tal-attriċi u li hija l-eredi unika ta' Victor Galea Pace.

42. Il-Qorti ser tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Oliver Grech et vs Charlie Cordina pro et noe***[1], fejn referenza ssir għal dak li jgħid il-Mattirol. Dik il-Qorti tispjega:

*"Il-Mattirolo ifisser b'mod tassew luċidu x'inhu l-interess ġuridiku li jrid ikun hemm f'kull kawża, bil-mod segwenti:*

*"54. L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse. Indi' la massima di giurisprudenza tradizionale "l'interesse e' la misura di azione" "point d'interet, point d'action". Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto: all'articolo 36 (illum art.100 c.p.c.) e' detto che 'per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse'... l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita' di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere diretto, legittimo, e attuale.*

*55. E' mestieri dapprima che l'interesse sia diretto, personale, perche' ... niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.*

*56. L'interese deve in secondo luogo essere legittimo, cioe' confome al diritto di chi sta in causa. L'interesse e' cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutula dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse*

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni Ġenerali) fl-10 ta' Ottubru 2017- Rik. Ġur. Numru 123/2008

*e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi' che, per isituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e' injuria datum, se cioe' non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio,offende un nostro diritto.*

*57. Per ultimo l'interesse deve essere attuale, val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione. Avvertasi pero' che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente".*

*Il-liġi proċedurali tagħna ma tipprovdix artikolu speċifiku dwar dan l-interess ġuridiku f'kawża bħal ma tagħmel dik Taljana. Imma kif kellhom okkażjoni jgħidu l-Qrati tagħna:*

*"Fu nondimeno ritenuto nella patria giurisprudenza, malgrado il difetto di una preciza disposizione della legge in materia,e come corollario di queste due disposizioni (ss. 256 u 960) che base e misura di ogni azione giudiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta; perche' se l'interesse e' una condizione sine qua non per il semplice intervento o per l'appello, e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio".*

*Infatti teżisti ġurisprudenza konstanti tal-Qrati tagħna dwar l-elementi tal-interess ġuridiku meħtieġa f'kull kawża. Hekk insibu jingħad illi:*

*"In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili li l-interess hu l-miżura tal-azzjoni (vol.XXVII.ii.608); u r-rekwiżit tal-interess hu ndispensabbli għall-proponibilita' ta' domandi fi kwalunkwe sede ta' ġurisidizzjoni kontenzjuża (vol.XXVII.i.507). L-interess hu l-bażi tal-azzjoni (vol.XXIX.i.891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (vol.XXX.i.317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuż jew utili għal minn jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġia twieled u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (vol.XXXIII.i.108; vol.XXXVII.i.57; XXXVII.ii.608). Biex wieħed jipproponi domanda f'ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn illi jkollu interess fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema interess irid ikun leġittimu u konkret (vol.XXVIII.ii.317)."*

43. Illi fid-dawl tal-insenjament hawn fuq delineat, irid jiġi stabbilit jekk l-interess tal-attriċi fil-kawża odjerna hux wieħed dirett u personali, leġittimu u attwali.

44. Il-qofol ta' din il-kawża huwa l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu magħmul fl-24 ta' Frar 2015 fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin, fejn waħda mill-partijiet ta' dan il-kuntratt hija l-istess attriċi stante illi hija flimkien ma' żewġha illi kienet qiegħda tirrappreżenta, saru in solidum flimkien garanti ta' binhom u dan billi ġiet iskritta ipoteka speċjali fuq proprjeta' tagħhom.

45. Illi in oltre, la darba l-attriċi kkostitwixxit ruħha bħala garanti, l-intimat Yani Ellul intavola wkoll kontra tagħha l-ittra uffiċjali bin-numru 2050/2017 u saħansitra nbdiet l-proċedura ta' subbasta għall-bejgħ bl-irkant tal-għalqa, proprjeta' tagħha stess.

46. Għaldaqstant, huwa evidenti illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mid-duttrina u mill-ġurisprudenza sabiex jiġi affermat l-interess ġuridiku tar-rikorrenti.

47. Illi fl-istess eċċezzjoni l-intimat Yani Ellul isostni illi l-attriċi trid tipprova illi hija l-unika eredi ta' Victor Galea Pace. Illi huwa minnu illi fil-kawża l-attriċi tippreżenta biss t-testment li jinsab a fol 23-25 tal-proċess li sar fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin ftit xhur qabel miet l-istess Victor Galea Pace u ma tippreżenta ebda riċerki testamentarji u/jew dikjarazzjoni *causa mortis*. Madanakollu, l-Qorti tqis illi l-attriċi kemm fir-rikors ġuramentat tagħha kif ukoll fl-affidavit tagħha, bil-ġurament tiddikjara illi hija l-eredi universali ta' żewġha.

48. In vista ta' dan kollu delineat, il-Qorti sejra tiċħad din l-eċċezzjoni sollevata mill-intimat Yani Ellul u ser tgħaddi sabiex tistħarreġ il-mertu tal-każ.

**Meritu tal-każ**

49. Il-Qorti tosserva illi l-pern tal-kwistjoni u tal-azzjoni attriċi hija msejsa fuq il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 24 ta' Frar 2015 (fol 7-15) fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin fejn hija flimkien ma' żewġha, illum defunt, kienu kkonstitwixxew ruħhom garanti in solidum għal binhom il-konvenut Kurt Galea Pace, illi f'dan l-istess kuntratt hu kien ġie indikat bħala d-debitur prinċipali.

50. Illi l-attriċi qiegħda permezz tal-kawża in deżamina ssostni illi dan il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ġie reż bla effett u dan stante illi avveraw ruħhom il-kundizzjonijiet riżoluttivi imsemmija fl-istess kuntratt u/jew sar ksur da parti tal-intimat Yani Ellul tal-obbligazzjonijiet minnu assunti.

51. Illi konsegwentament, l-attriċi qiegħda titlob illi l-garanzija li kienet ġiet prestata minnha u minn żewġha, ossia, l-ipoteka speċjali fuq l-għalqa magħrufa bħala "Ix-Xagħra ta' Ġamru" sive "Ta' Kuljat" fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, hija bla effett ukoll. In oltre, konsegwentament, anke l-ittra uffiċjali ntavolata mill-intimat Yani Ellul bin-numru 2050/2017 ai termini tal-Artikolu 256 (2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija nulla u bla effett u l-istess ħaġa jingħad għall-bejgħ bl-irkant bin-numru 36/2018 huwa null u għandu jitwaqqaf.

52. Għaldaqstant, il-Qorti sejra l-ewwel u qabel kollox tagħmel referenza u tirriproduċi l-kundizzjonijiet riżoluttivi msemmija mill-istess attriċi sabiex il-Qorti tagħmel l-analiżi tagħha jekk dawn seħħewx jew le.

53. Illi l-klawżoli numru tnejn u tlieta tal-kuntratt in kwistjoni jipprovdu kif ġej:

> *"(2) The Creditor as duly represented, binds himself to renounce to any criminal action and/or procedures taken to date against the Principal Debtor and/or Sureties in relation to the herein described Debt.*

*(3) It is presently being declared by the Principal Debtor that this deed of consitution of debt shall not be valid if the Creditor does not renounce any and all legal action till now instituted as per clause number two (2).”*

54. Illi fl-affidavit tagħha r-rikorrenti tispjega illi hija kienet avviċinat lill-intimat Yani Ellul sabiex jippruvaw isibu soluzzjoni minħabba l-kwistjoni illi kellu ma' binha Kurt Galea Pace. Illi l-intimat Yani Ellul kien issuġġerilha illi jagħmlu laqgħa u biex għal din il-laqgħha tieħu l-avukat tal-fiduċja tagħha. L-istess attriċi tispjega illi din il-laqgħa saret fl-uffiċju tal-avukat tal-intimat Yani Ellul l-Avukat Dr Frank Testa, illi hi kienet assistita mill-Avukat Dr Victor Scerri, u l-intimat Kurt Galea Pace kien assistit mill-Avukat Dr Gianluca Caruana Curran u għal din il-laqgħha kien hemm preżenti wkoll in-Nutar Henri Darmanin.

55. Illi fl-istess affidavit, ir-rikorrenti tispjega b'mod ċar illi hija kienet lesta illi tidħol, flimkien ma' żewġha illi kienet qiegħda tirrapreżenta, bħala garanti għall-binhom il-konvenut Kurt Galea Pace jekk l-intimat Yani Ellul jirtira l-proċeduri kriminali li kien hemm pendenti fil-konfront ta' Kurt Galea Pace.

56. Illi infatti hija tgħid hekk:

*“Ngħid li jiena ma ridtx nagħmel dawn l-arranġamenti sakemm il-proċeduri kriminali li kien fetaħ is-Sur Ellul kontra Kurt, kienu għadhom pendenti, u xtaqt li biex nidħol għal tali arranġamenti, Yani jirtira dawn il-proċeduri. Kien għalhekk illi n-Nutar żied dawn iż-żewġ klawżoli mal-kuntratt:*

*(2) The Creditor as duly represented, binds himself to renounce to any criminal action and/or procedures taken to date against the Principal Debtor and/or Sureties in relation to the herein described Debt.*

*(3) It is presently being declared by the Principal Debtor that this deed of consitution of debt shall not be valid if the Creditor does not renounce any and all legal action till now instituted as per clause number two (2).”*

*Nammetti li dak iż-żmien jiena kont inkwetata ferm fuq ir-riperkussjonijiet li seta' jkollha din il-kawża fuq Kurt, u kien għalhekk li insistejt li jekk dawn il-proċeduri kriminali ma jiġux irtirati minn Ellul, jiena ma konts ser naċċetta li niffirma l-kuntratt imsemmi. Wara li ddiskutejna dan kollu, l-avukat tas-Sur Ellul kien qabel ma' din il-proposta, u filfatt, xhieda ta' dan huma l-klawżoli li semmejt aktar 'il fuq”*

(fol 87)

57. Illi r-rikorrenti tispjega illi:

*“Ngħid li wara li ffirmajt dan il-kuntratt, kien mingħalija li l-problema li kellhom Kurt u s-Sur Ellul issa kienet solvuta permezz ta' dan il-kuntratt, u ċjoe', li Kurt kellu jibda jħallas is-somma ta' € 1000 lis-Sur Ellul kull xahar, u li l-proċeduri kriminali kontra Kurt kienu ser jieqfu. Madanakollu, sirt naf li jumejn biss wara li ffirmajna dan il-kuntratt u ċioe fis-26 ta' Frar 2015, kien hemm seduta fil-kawża kriminali kontra Kurt. Sirt naf ukoll li mhux talli*

*s-Sur Ellul ma rtirax il-kawża, iżda talli tela' jixhed fil-konfront ta' Kurt dakinhar!"*

(fol 87)

58. Imbagħad fl-affidavit tagħha tagħmel referenza għall-atti tal-Qorti sussegwenti illi hija rċieviet mingħand l-intimat Yani Ellul u tikkonkludi illi:

*"Ngħid li għaldaqstant, sakemm tiġi deċiża din il-kawża, is-subbasta biex tinbiegħ l-għalqa "Ta' Kuljat" mhix ser isseħħ. Nerġa' ntenni li jiena dejjem offrejt din l-għalqa bħala garanzija, ġjaladarba s-Sur Ellul jirtira kwalunkwe proċeduri kriminali kontra Kurt- xi ħaġa li qatt ma saret - u għaldaqstant il-kuntratt li ġie ffirmat fl-24 ta' Frar 2015 illum huwa bla effett."*

(fol 88)

59. Illi fix-xhieda tal-konvenut Kurt Galea Pace huwa jsostni kif ġej:

*"Dr John Bonello :*
*Kull ma jinteressani huwa x'ġara wara li ffirmajtu l-kuntratt?*

*Ix-Xhud :*
*Ftit wara tlajna l-Qorti ...*

*Dr John Bonello :*
*Daqs hekk ... dak jekk jogħġbok ...*

*Ix-Xhud :*
*Ehe ...*

*Il-Qorti :*
*U x'ġara?*

*Ix-Xhud :*
*Tlajna l-Qorti ... mingħalija tlajna xi tlett darbiet ... erbgħa darbiet ... Yani xehed ... il-kawża ma ġietx irtirata. Yani xehed u jiena ġejt illiberat. Xehed two ... three times ...*

*...*

*Dr John Bonello :*
*Issa intom l-intendiment li kien hemm bejnek u bejn Yani li wassal lil ommok biex tiffirma dan il-kuntratt f'isimha u f'isem missierek ... f'isimha u f'isem ... Alla jaħfirlu missierek ... x'kien l-intendiment?*

*Ix-Xhud :*
*Li jirtira ... jikkanċella ... jiffirma waiver ... ma nafx dan ... il-kawża ... il ... l-akkużi ...*

*Dr John Bonello :*

*Issa dik għamilha jew ma għamilhiex?*

*Ix-Xhud :*
*Le. Baqa' sejjer. Il-kawża baqgħet għaddejja.*

*Dr John Bonello :*
*Baqgħet għaddejja. Issa u l-ftehim li kien hemm bejnietkom allura x'kien f'dan ir-rigward? X'kontu tkellimtu intom? Għandi nifhem li meta inti tkellimt ma' Yani ...*

*Ix-Xhud :*
*Kif għidtlek ... illi ... ehe ... kif għidtlek ... pagamenti fix-xahar emm ... mingħalija saru tlettax il-elf (13,000) euro f'pagamenti over a period of time ... wara ftit kelli problema bix-xogħol, ma stajtx inkompli u marru għas-subbasta."*

(fol 131-132)

60. Illi sabiex jiġi determinat jekk il-kundizzjonijiet riżoluttivi li hemm imniżżla fit-tieni u t-tielet klawżola tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu seħħewx jew le, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tanalizza l-proċess kriminali fl-ismijiet *"Il-Pulizija vs Kurt Galea Pace"*.

61. Il-Qorti tagħmel referenza għall-akkuża miġjuba fil-konfront tal-konvenut Kurt Galea Pace, liema akkuża tipprovdi hekk:

***"Billi inti akkużat talli f'Settembru 2013 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, approprjajt ruħek, billi dawwart bi profit għalik jew għal persuna/i oħra s-somma ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€ 2,329.37) għad-dannu ta' Yani Ellul, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilek taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat; liema delitt ġie magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħek jew minħabba depożitu neċessarju"***

(fol 1 tal-proċess kriminali)

62. Illi kif jidher minn fol 2 tal-proċess kriminali: *"Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta"*.

63. B'referenza għall-verbal datat 16 ta' Ottubru 2014 ġie vverbalizzat kif ġej: *"Il-partijiet talbu differiment sabiex jintlaħaq ftehim dwar il-mertu."* (fol 9)

64. Illi l-aktar seduta importanti u relevanti għall-kawża odjerna hija dik tas-26 ta' Frar 2015 fejn xehed l-intimat Yani Ellul. Illi l-prosekuzzjoni staqsiet lill-intimat Ellul kif jaf lil Kurt Galea Pace, staqsietu dwar l-appalt miftiehem bejniethom u fl-aħħar staqsietu s-segwenti:

*"Spettur:*
*U l-agreement li issa għamiltu mas-Sur Galea meta sar jekk jogħġbok?*

*Xhud:*
*This week. Konna ilna li fthemna, iffirmahuli għax ilna li fthemna xhur."*

(fol 25)

65. Il-Qorti tqis illi l-aktar aspett importanti ta' din is-seduta, li hija l-aktar relevanti għall-kawża in deżamina, huwa dak li ġie vverbalizzat.

66. Fil-verbal ġie mniżżel hekk:

> ***"Il-Parte civile tiddikjara li fl-ewwel lok intlaħqet transazzjoni mal-imputat u għalhekk illum m'għandu l-ebda pretenzjoni fil-konfront tiegħu u anqas m'għandu interess f'dawn il-proċeduri għalhekk jirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli".[2]***

67. Il-Qorti tqis illi f'dik is-seduta u b'dak li ġie vverbalizzat, l-intimat Yani Ellul onera l-obbligazzjoni intrapreża minnu fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 24 ta' Frar 2015 u għalhekk dak illi huwa obbliga ruħu li jagħmel, huwa effettivament għamlu.

68. Illi mill-qari tal-verbal jidher ċar illi l-intimat Yani Ellul bħala *parte civile* f'dik il-kawża ma kellu ebda pretenzjoni fil-konfront ta' Kurt Galea Pace u ma kellu ebda interess f'dawn il-proċeduri. Illi l-attriċi fl-affidavit tagħha tisħaq fuq il-fatt illi f'din is-seduta tas-26 ta' Frar 2015 Yani Ellul ta x-xhieda tiegħu iżda donnha titraskura l-aktar aspett importanti u kardinali tas-seduta: Dak li ġie vverbalizzat!

69. Illi huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi l-verbali huma għodda importantissima u indispensabbli fil-proċeduri ġudizzjarji. Illi kif ġie affermat fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmel Hartley vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***[3]:

> *"F'dan ir-rigward hija ġurisprudenza paċifika illi l-verbali tal-Qorti għandhom forza ta' att pubbliku peress illi r-reġistratur li jidderiġihom għandu funzjonijiet ta' Nutar fl-affarijiet tal-Qorti. Ifisser dan li verbali jagħtu fidi lil dak li jkun seħħ fil-kors ta' l-udjenza u jorbtu lill-kontendenti fil-proċeduri (ara inter alia Farmacista Giuseppe Debono vs. Giovanna Debono, Appell Ċivili tat-13 ta' Marzu 1953 u Direttur tal-Agrikoltura vs. Remigio Galea, Appell Ċivili, 30 ta' Marzu, 1987)"*

70. Il-fatt illi l-kawża kriminali fil-konfront tal-konvenut Kurt Galea Pace baqgħet għaddejja u ma waqqfitx fis-seduta tas-26 ta' Frar 2015 ma hija bl-ebda mod attriwibbli għal xi mankanza tal-intimat Yani Ellul. Dan għaliex hawnhekk qegħdin fil-kamp penali fejn in-natura tal-akkuża hi waħda determinanti sabiex jiġi stabbilit jekk kawża tistax tieqaf jew le jekk il-*parte civile* jirtira l-kwerela tiegħu.

71. Fil-każ in deżamina, l-akkuża tal-konvenut Kurt Galea Pace kienet dik ta' misapproprjazzjoni fejn, kif diġa msemmi aktar 'il fuq, Kurt Galea Pace ġie akkużat illi

[2] Enfażi ta' din il-Qorti
[3] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fid-9 ta' April 2014- Rik. Numru: 68/2013

l-aġir tiegħu kien: *"Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18,* ***293, 294*** [4]*u 310 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta."*

72. Illi l-aktar artikoli importanti u relevanti għall-kawża odjerna huma l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, il-Qorti ser tipproduċi t-test ta' dawn iż-żewġ artikoli:

> *"293.Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*
>
> ***Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.***
>
> *294.Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju,* ***l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio,u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn[5]"***

73. Illi mill-qari tal-istess akkuża, l-intimat Kurt Galea Pace kien akkużat kemm taħt l-Artikolu 293 kif ukoll taħt l-Artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali u huwa għalhekk illi l-kawża kellha tkompli, nonostante dak ivverbalizzat fis-seduta tas-26 ta' Frar 2015 mill-intimat Yani Ellul.

74. Fuq dan il-punt, il-Qorti ser tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Mark Anthony Camilleri***[6] fejn dik il-Qorti tenniet kif ġej:

> *"Rat in-nota tad-difiża fejn ġiet eżebita sentenza tal-Qorti tal-Appell bl-ismijiet Il-Pulizija v. Alfred Debono (fol 55);*
>
> *Rat il-kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu bejn il-partijiet datat tnax (12) ta' Novembru elfejn u tnax (2012); u*
>
> *Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.*
>
> *Ikkunsidrat:*
>
> *Illi dawn il-proċeduri jittrattaw fuq allegat misapproprjazzjoni u frodi mill-imputat a dannu tal-parte civile Sebastiano Vicario. Illi dawn il-proċeduri huma bbażati b'mod speċjali fuq l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari fuq l-aggravju applikabbli li jgħid hekk:*

---

[4] Enfażi ta' din il-Qorti
[5] Enfażi ta' din il-Qorti
[6] Deċiża fl-24 ta' Ottubru 2016- Kumpilazzjoni Numru: 568/2012

*293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

*Illi dawn il-proċeduri għalhekk kienu inizjabbli mhux bil-kwerela tal-parti ċivile iżda mill-pulizija ex ufficcio kif jistipula l-Artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex l-imputat kien jagħmel xi negozju mal-parte ċivile.*

*Ikkunsidrat illi ma taqbilx mat-teżi tad-difiża illi is-sentenza hawn fuq ċitata tal-Qorti tal-Appell għandha tapplika għall-każ in kwistjoni u dan għaliex, kif ingħad hawn fuq, dawn il-proċeduri jittrattaw proċeduri taħt l-aggravju u kwindi istitwibbli mill-pulizija ex officio mentri f'dik il-kawża ċitata, kienet azzjoni inizzjata bil-kwerela tal-parti.*

*B'dan pero` għandu jingħad illi l-każ tal-prosekuzzjoni huwa monk minn elementi essenzjali sabiex tirnexxi din it-tip ta' azzjoni għaliex għalkemm ma hemmx bżonn il-kwerela da parti tal-allegata vittma għall-inizzjazzjoni ta' din il-kawza, xorta waħda ix-xiehda tal-istess hija parti essenzjali u vitali sabiex din il-kawża tiġi suffiċjentement ippruvata.*

*Dan qed jingħad għaliex appuntu f'dawn il-proċeduri il-parte ċivile Sebastiano Vicario ma xehedx rigward il-mertu iżda biss xehed fuq li hu u l-imputat għamlu kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu bejniethom. Illi di piu`, ingħad ukoll f'verbal sussegwenti u ċioe` tal-erbatax (14) Settembru elfejn u ħmistax (2015) illi huwa ma kellux interess fil-proċeduri u ma xtaqx jixhed f'dawn il-proċeduri. Illi ll-prosekuzzjoni kienet kuntenta b'din l-istqarrija u ddikjarat li m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi.*

*Illi għalhekk gialadarba huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat huma veri, u dan għaliex, kif jgħid Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale (Vol. III, Kap IV, paġna 234, Edizione 1890):-*

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit";*

*Fin-nuqqas ta' tali prova tant essenzjali għal dawn it-tip ta' proċeduri, din il-Qorti tħoss li għalhekk l-akkużi kontra l-imputat ma ġewx ippruvati".*

75. Il-Qorti tosserva illi stante li wieħed mill-artikoli li bih kien ġie akkużat l-konvenut Kurt Galea Pace kien dak ai termini tal-Artikolu 294 tal-Kap 9, allura l-azzjoni kriminali kellha titmexxa u tkompli mill-Pulizija *ex officio* għaliex l-irtirar tal-kwerela tal-parti leża, f'dan il-każ, Yani Ellul, ma ġġibx magħha l-estinzjoni tal-azzjoni kriminali. Tant huwa hekk, illi kif jidher a fol 33 tal-proċess kriminali, l-Avukat Ġenerali fir-rinviji tiegħu, beda jindika hu stess illi jrid illi dik il-Qorti terġa' tisma' lil parte ċivile Yani Ellul. Għaldaqstant, kull xhieda oħra li ngħatat mill-intimat Yani Ellul f'dik il-kawża kienet għaliex it-testimonjanza tiegħu ġiet rikjesta mill-prosekuzzjoni.

76. Illi fix-xhieda mogħtija mill-intimat Yani Ellul fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2015 huwa jeżebixxi kopja tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in kwistjoni, hekk kif jidher a fol 49-57 tal-proċess kriminali.

77. Illi l-Qorti tinnota illi fis-sentenza tagħha mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2016, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tipprovdi illi:

> *"Għalhekk, il-mertu ta' dan il-kawża kien wieħed purament ċivili u ma kienx hemm l-element tar-reat ta' misapproprjazzjoni. Kienet iżjed is-sens ta' frustrazzjoni ta' Ellul għan-nuqqas ta' tlestija tax-xogħol li wasslitu jagħmel il-kwerela kontra Galea. Illum il-kwistjoni hi riżolta, u l-Qorti m'għandhiex għalfejn tieħu aktar konsiderazzjoni tagħha"*

U għaldaqstant, l-intimat Kurt Galea Pace kien ġie illiberat minn kull akkuża.

78. Il-Qorti tosserva wkoll illi meta saret il-laqgħa fejn kienu preżenti l-partijiet fil-kawża[7] fejn ġie ffirmat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in deżamina, l-partijiet kienu lkoll assistiti mill-avukati tagħhom. Dan jinsab ikkonfermat anke mix-xhieda tal-istess Nutar Henri Darmanin mogħtija fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2020.

79. Magħdud ma' dan, il-Qorti tirrileva illi l-kuntratt in kwistjoni kien ġie ffirmat fi Frar tas-sena 2015 mentri l-kawża kriminali fil-konfront tal-konvenut Kurt Galea Pace kienet ilha li nbdiet diġa' numru ta' xhur qabel. B'hekk, in-natura tal-akkużi u l-artikoli tal-Liġi li kien akkużat bihom, kienu diġa' magħrufa.

80. Illi kif jidher mix-xhieda tal-Avukat Dr Victor Scerri, kienu saru numru ta' laqgħat qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt de quo. Huwa jgħid illi:

> *"Ix-Xhud :*
> *Mela jiena kont infurmat naħseb illi minn Vivienne Galea Pace illi kien hemm xi proċeduri kriminali kontra ċertu Yani Ellul ... mingħalija ... kien għamel xi kwerela u nbdew xi proċeduri kriminali kontra t-tifel tagħha Kurt Galea Pace. Kont infurmat ukoll illi Yani Ellul kien qiegħed f'xi diskussjoni biex emm ... issirlu xi tip ta' ftehim dwar ħlas ... dwar ħlasijiet ... biss emm ... Yani Ellul ried ... ma riedx biss li l-ftehim ikun ma' Kurt Galea Pace imma ried illi jkollu xi tip ta' garanzija ta' ħlas mingħand terzi u kienet ġiet indikata ... ma nafx minn min ... emm ... m'inhix ċert minn min allura aħjar ma ngħidx emm ... biċċa art emm ... Għawdex ... mingħalija l-isem ta' Kuljat. Kien fiha xi dsatax (19) il-tomna. Emm ... kienu saru numru ta' diskussjonijiet u*

[7] Għajr għall-intimat Yani Ellul li kien irrappreżentat mill-Avukat tiegħu

*sadanittant kont tkellimt ma' Dr Testa li kien jippattroċinja lil Yani Ellul emm ... u kienu saru numru ta' laqgħat fl-uffiċju tieghu jekk mhux sejjer żball ... Strada Forni. Konna niltaqghu bil ... bil-klijenti. Ma nafx kienx hemm involut at one point kien hemm involut anke xi avukat ieħor li ġieli kien ikun hemm ... Dr Caruana Curran ... iż-żgħir x'jismu insejt ...*

*Il-Qorti :*
*Gianluca.*

*Ix-Xhud :*
*Gianluca.*

*Dr John Bonello :*
*Li kien jippattroċinja lil min?*

*Ix-Xhud :*
*Emm ... insejt ... naf li kien ikun preżenti. Ma nafx għal min ... ma nafx kienx għal Yani Ellul ukoll jew ... m'inhix ċert. Ma nafx. Naf li kien ikun preżenti. Emm ... konna niltaqghu bil-klijenti. Kien ikun hemm il-klijenta tiegħi Vivienne Galea Pace, Victor Galea Pace ma kienx ikun preżenti għax dak iż-żmien kien l-isptar ... fil-fatt jekk mhux sejjer żball kien ftit ġimgħat jekk mhux ġranet li ġie nieqes. Emm ... kien ikun hemm Yani Ellul, Dr Testa u Dr ... kien ikun hemm Kurt Galea Pace u kien ikun hemm Dr Caruana Curran. Emm ... kienet diskussjonijiet illi ħadu xi ftit fit-tul u illi fl-aħħar konna wasalna għall-intiża li din l-ispeċi garanzija minn naħa tas-sinjuri Galea Pace seniors issir, b'dana illi Yani Ellul emm ... jirtira l-proċeduri kriminali u jwaqqaf il-proċeduri kriminali li kien hemm fil-konfront ta' binhom Kurt Galea Pace.*

*Dr John Bonello :*
*Issa inti assistejt għal xi pubblikazzjoni ta' xi kuntratt?*

*Ix-Xhud :*
*Emm ... emm ... ma nafx kontx hemm meta ġie ffirmat ...*

*Dr John Bonello :*
*Tan-Nutar Henri' Darmanin qed ngħidlek.*

*Ix-Xhud :*
*Ehe tan-Nutar Henri' Darmanin imma ma niftakarx jekk kontx preżenti imma. Id-diskussjonijiet niftakarhom u ltqajna naħseb mill-inqas xi tlett darbiet ... ma niftakarx jekk kontx preżenti meta ... emm ... ġie ffirmat"*

(fol 125-126)

81. Il-Qorti ser tagħmel referenza għax-xhieda tal-konvenut Kurt Galea Pace fejn huwa jistqarr kif ġej:

*"Dr Frank Testa :*
*Nissuġġerilek mela ... nissuġġerilek li dak ... anzi ... inti kont hemm meta xehed l-aħħar darba Yani?*

*Ix-Xhud :*
*Kont hemm mill-bidu sa l-aħħar.*

*Dr Frank Testa :*
*Tajjeb. Tiftakar x'qal? Hemm qiegħed ta' imma la darba qiegħed hawn …*

*Ix-Xhud :*
*Ma niftakarx word for word le.*

*Dr Frank Testa :*
*Ha nissuġġerilek li qal … jiena wasalt fi ftehim ma' Kurt Galea Pace u ma għandi l-ebda pretenzjoni fil-konfront tiegħu, tikkonferma? Tiftakar li qal hekk?*

*Ix-Xhud :*
*Jista' jkun li qal hekk imma ma kienx … ma kienx hekk l-agreement li għamlu għal … għal garanzija. Hija ċara daqs il-kristall biex jirtira l-kawża. Mhux he goes there … u there …*

*Dr Frank Testa :*
*Sewwa. Issa min kien ippattroċinak fil-proċeduri kriminali dakinhar?*

*Ix-Xhud :*
*Dr emm … Caruana Curran.*

*Dr Frank Testa :*
*U Dr Caruana Curran tak parir li l-proċeduri kriminali jiġu rtirati.*

*Ix-Xhud :*
*Inti kont hemm dakinhar … kieku ma kienx jiġi ffirmat.*

*Dr Frank Testa :*
*U żgur li kont hemm u naf mill-bidu sa l-aħħar x'ġara.*

*Ix-Xhud :*
*Ehe … kieku ma kienx jiffirma.*

*Dr Frank Testa :*
*Jien qed nistaqsik jekk Dr Caruana Curran …*

*Ix-Xhud :*
*Jien m'inhix l-avukat …*

*Dr Frank Testa :*
*Takx parir …*

*Ix-Xhud :*
*Yes. Iva.*

*Dr Frank Testa :*
*Tak parir li dawk il-proċeduri kriminali issa jiġu rtirati ... bil-ġurament qiegħed ...*

*Ix-Xhud :*
*Iva. Mela.*

*Dr Frank Testa :*
*Li dawk il-proċeduri ta' misapproprijazzjoni jiġu rtirati minn Yani Ellul? Dr Gianluca Caruana Curran qallek hekk?*

*Ix-Xhud :*
*That's right."*

(fol 133-134)

82. Relevanti wkoll hija x-xhieda tal-attriċi in kontro-eżami fejn hija tenniet kif ġej:

*"Dr Frank Testa :*
*Le Sur Imħallef u fakkartni biex żgur li t-timeline huwa korrett. Is-sitting ta' wara and this makes it even ... mela taf x'ġara fis-seduta ta' wara illi ġie ffirmat il-kuntratt tiegħek? Qallek xi ħadd x' ġara fis-seduta?*

*Ix-Xhud :*
*No ... jiena ... jiena emm ... kienet kienet neħħu il-kawża ...*

*Dr Frank Testa :*
*Qed nifhmuk ...*

*Ix-Xhud :*
*U nibqa' bil- garanzija ...*

*Il-Qorti :*
*Agreed sinjura.*

*Ix-Xhud :*
*Issa meta l-kawża baqgħet għaddejja ... moħħi ...*

*Dr Frank Testa :*
*Imma ħa nispjegalek x' ġara għax jista' jkun m'għandekx l-informazzjoni eżatta ta' x' ġara hawn ... anzi qed nifhem ... jien hawn jiena nissuġġerilek illi they very next sitting kienet telgħet kollega tiegħi biex tirtira l-akkużi pero l-Qorti qaltilha n-natura ta' dawn l-akkużi kriminali they are such illi at this point they cannot be withdrawn. Inti tafu dan?*

*Ix-Xhud :*
*Le.*

*Dr Frank Testa :*

*Ma tafux ... issa ħa nissuġġerilek ukoll li at that point il-kollega tiegħi inħasdet ... billi aħna that was our intention u allura ġabet differiment biex imbagħad titkellem miegħi u naraw x'nistgħu nagħmlu. Dan tafu inti?*

*Ix-Xhud :*
*No jiena ... jien ma naf xejn x'ġara wara.*

*Dr Frank Testa :*
*Mhux problema ... ħa nissuġġerilek mela ... ħa niġu issa din is-seduta għandha raġun il-Qorti ... is-seduta fejn Dr Bonello qallek li xehed Yani ... fejn kont hemm jien ... Dr Bonello ... ħa nerġa' nistaqsik staqsiek il-content tax-xhieda ta' Yani x' kienet għax wieħed jista' jixhed b'diversi modi. Qallek ix-xhieda ta' Yani x' kienet?*

*Ix-Xhud :*
*Min?*

*Dr Frank Testa :*
*Dr Bonello ... Dr Bonello qallek x'xehed Yani?*

*Ix-Xhud :*
*No. no.*

*Dr Frank Testa :*
*Ma qallekx ... ħa nissuġġerilek illi Yani apparti li wieġeb id-domandi li sarulu finalment qal lill-Imħallef li skużani ... lill-maġistrat illi ġie ffirmat l-agreement ma' Kurt fuq l-ammont dovut ... tafu dan inti? Sar ftehim bejniethom ... do you know this?*

*Ix-Xhud :*
*No.*

*Dr Frank Testa :*
*Issa ħa nieqaf hemm fuq ... fuq ix-xhieda tiegħu ... l-eżitu tal-kawża jiġifieri the outcome of the criminal case eventually taf x'kien? Do you know the outcome?*

*Ix-Xhud :*
*I think ... I think illi Kurt gie liberat.*

...

*Dr Frank Testa :*
*U l-Qorti m'għandhiex għalfejn tieħu aktar konsiderazzjoni tagħha ... jiġifieri hawn hekk l-Imħallef qed jikkonoxxi dak li qallu Yani li tgħid kienet x'kienet il-frustrazzjoni ta' Yani ... the matter has now been resolved u l-Qorti m'għandix għalfejn tidħol fiha. Kont taf li d-deċiżjoni kienet hekk inti? Mrs Galea Pace?*

*Ix-Xhud :*

*No … kont naf li Kurt ġie liberat …*

*Dr Frank Testa :*
*Ma kontx taf għalfejn imma …*

*Ix-Xhud :*
*No …"*

(fol 161 et seq-163 et seq)

83. Referenza ser issa għax-xhieda mogħtija mill-intimat Yani Ellul waqt il-kontro-eżami tiegħu fejn huwa jispjega x'ġara dakinhar tas-seduta tas-26 ta' Frar 2015 u jgħid hekk:

*"Dr Kris Busietta :*
*Issa mela … dan … mela tiftakar inti x' ġara jumejn wara jiġifieri dan il-kuntratt ġie ffirmat 24th of February u jumejn wara fit-26th February '15 kien hemm seduta tal-proċeduri kriminali fil-konfront ta' Kurt …*

*Ix-Xhud :*
*Hekk hu … yes …*

*Dr Kris Busietta :*
*Tista' tispjega inti x'għamilt fit-26th February '15 jew jumejn wara …*

*Ix-Xhud :*
*Jumejn wara jiena qabel ma dħalt fl-awla emm … ried jiltaqa' miegħi Gianluca Caruana Curran … Gianluca qalli isma' … qalli this is a criminal case … qalli inti ma tistax twaqqa' l- każ … qalli l-pulizija jridu jwaqqgħu l-każ. So I am going to ask these questions …*

*Il-Qorti :*
*Dr Caruana Curran qed nifhem ma kienx l-avukat tiegħek …*

*Ix- Xhud :*
*Kien l-avukat ta' Kurt Galea Pace …*

*Il- Qorti :*
*Qed nurikom il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Frar …*

*Ix-Xhud :*
*U qabel ma dħalna fl-awla Gianluca qalli … qalli jien ħa nsaqsik hekk u inti trid tirrispondi hekk … qalli ħa nsaqsik hekk trid tirrispondi hekk. Aħna dħalna fl-awla u jiena rrispondejt li staqsini … u jien irrispondejt kif qalli Gianluca … illi intant in fatti wara li rrispondejt kien hemm Ian Abdilla u Ian Abdilla qal la dawn irranġaw aħna m' għandna iktar minn … xejn aktar x' jismu … u l-każ waqa'"*

(fol 176F-176G)

84. Illi fid-dawl ta' dak kollu delineat hawn fuq, il-Qorti tqis illi l-azzjoni tal-attriċi ma tistax tiġi akkolta, u dan minkejja l-ammissjoni ta' Kurt Galea Pace, u dan għaliex l-intimat Yani Ellul, kif jidher mill-verbal tas-seduta tas-26 ta' Frar 2015, kien onera l-obbligu tiegħu "*to renounce to any criminal action and/or procedures taken to date against the Principal Debtor and/or Sureties in relation to the herein described Debt*".

85. Għaldaqstant, mhijiex korretta l-attriċi meta tgħid illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ġie reż bla effett għaliex avveraw ruħhom il-kundizzjonijiet riżoluttivi hemm pattwiti. U, aktar u aktar, ma huwiex korrett Kurt Galea Pace meta jammetti t-talbiet rikorrenti – il-Qorti tistqarr ukoll illi tirriavviża l-element tal-qerq f'tali ammissjoni tiegħu.

86. Il-Qorti tosserva ukoll illi l-attriċi fis-sottomissjonijiet tagħha, tqajjem diversi punti oħra tra cui illi l-kunsens tagħha kien ivvizjat u li l-kuntratt in kwistjoni huwa karpit fuq *causa* illeċita. Madanakollu, kif jidher ċar u manifest mill-qari kemm tal-premessi kif ukoll tat-talbiet attriċi kontenuti fir-rikors ġuramentat tagħha, ma saret ebda talba f'dan is-sens.

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Yani Ellul filwaqt illi;

**Tilqa'** l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimat Yani Ellul;

**Tiċħad** it-talbiet kollha tal-attriċi.

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tar-rikorrenti.**

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**